L-AKKADEMJA TAL-MALTI

AD 1920

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

**PREMJU MIDALJA TAD-DEHEB 'ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI' 2018**

L-Akkademja tal-Malti tat ġieħ lil Trevor Żahra billi ppreżentatlu l-midalja tad-deheb għall-karriera letterarja tiegħu. L-investitura tal-midalja saret mill-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Colerio Preca, President ta' Malta.

Trevor Żahra twieled iż-Żejtun fl-1947. Ta' età żgħira beda jikteb il-poeżija u stejjer għat-tfal u fl-1971 ippubblika l-ewwel ktieb tiegħu *Il-Pulena tad-Deheb*, avventura għat-tfal. Minn dakinhar lil hawn kompla jikteb u jippubblika kull sena, u llum, bejn kotba ċkejknin għat-tfal, rumanzi u novelli għall-kbar, huwa ppubblika 'l fuq minn 130 ktieb.

Trevor għamel karriera jgħallem il-Malti u tal-Arti u għalhekk ħa ħsieb jillustra l-kotba tiegħu huwa stess. Ir-rumanzett *Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa* li ġie tradott u ppubblikat bl-Ingliż, bil-Franċiż u dalwaqt bir-Russu u bin-Norveġiż. Rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għal 18-il darba u fl-2004 rċieva l-Medalja għall-Qadi tar-Repubblika bħala rikonoxximent tal-kontribut tiegħu fil-qasam tal-letteratura għat-tfal.

In-nominazzjonijiet tal-membri tal-Akkademja ġew evalwati minn ġurija magħmula mill-Presidenti tal-Akkademja u tal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti u mill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università.

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

23.12.2018